# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum il-Tlieta, 4 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Guramentat Numru : 574/2019/LSO**

**Emanuel sive Noel Muscat**

**vs**

**Helen Ciantar (KI nru. 406454M) u Clayton Muscat (KI nru 34388M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Emanuel sive Noel Muscat (Kl nru: 0071569M) datat 11 ta’ Gunju 2019 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma li jaf personalment:

Illi r-rikorrenti huwa s-sid ta' *maisonette* bl-isem Helvic, li tinsab gewwa Triq Censu Busuttil, L-lklin kif ukoll tliet garaxxijiet li jinsabu taht dan il-*maisonette* fi Triq Censu Busuttil, L-lklin, bin-numri mhux ufficjali wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3), u dan skont l-anness kuntratti annessi u mmarkati bhala dokumenti "A" u “B”.

Illi l-istess rikorrenti kien xtara l-*maisonette shell* u kellu self mill-bank biex jhallas il-garraxxijiet b'ipotka fuq il-*maisonette* u fuq il-garaxxijiet;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti kien lesta l-*maisonette* u beda jhallas il-garaxxijiet;

Illi gara li missieru kien talbu sabiex imur ighix hemmhekk u juza dawn il-garaxxijiet *stante* li kellu negozju ta' bejgh ta' vetturi;

Illi r-rikorrenti kien accetta *stante* li huwa missieru u hallieh jmur ighix f’ dan il-*maisonette* b'mera tolleranza;

Illi gara li maz-zmien missieru laqa' mara gewwa dan il-*maisonette* u kellu relazzjoni maghha u fil-fatt kellhom tifel flimkien li jismu Clayton Muscat;

Illi qatt ma kien hemm xi kuntratt ta' kera u missier l-esponenti qatt ma akkwista.

Illi missier l-esponenti miet fil-31 ta' Marzu 2019 (kopja tac-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok C) u l-*partner* tieghu u t-tifel taghhha ghadhom jghixu f'din id-dar u qeghdin jokkupaw kemm id-dar kif ukoll il-garaxxijiet bla ebda titlu;

Illi l-esponenti jixtieq li jerga’ jiehu lura l-proprjetajiet tieghu;

Illi l-esponenti jaf li l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x’ iressqu bhala difiza;

Ghaldaqstant l-esponenenti bir-rispett jitlob sabiex ighid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimat m’ghandu l-ebda titolu validu relattivament ghall-fond konsistenti f’*maisonette* bl-isem Helvic, li tinsab gewwa Triq Censu Busuttil L-Iklin u tliet garaxxijiet bin-numru mhux ufficjali wiehed, tnejn u tlieta gewwa l-istess Triq Censu Busuttil, L-Iklin;

3. Tordna lill-intimati jizgombraw mill-fond u mill-garaxxijiet in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti.

B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrent nomine minhabba dan l-agir illegali tal-intimati u bl-ispejjez kontra l-intimati li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 4 ta' Lulju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Leontine Calleja. Il-Qorti rat in-nota ta' cessjoni tas-27 ta' Gunju 2019 fil-konfront ta' Clayton Muscat, u ghalhekk tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet fil-konfront tieghu. Dehret l-intimata Helen Ciantar. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Leontine Calleja. Dehret ukoll l-intimata assistita minn Dr David Camilleri u Dr Joseph Gatt. Xehdet bil-gurament taghha Helen Ciantar, li prezentat kopja tar-rikors guramentat Cit 507/2019/LM differita ghall-20 ta' Settembru 2019 quddiem l-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff, li gie mmarkat Dok HC1, u liema xhieda giet

registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri trattaw il-kaz.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Semghet ix-xhieda tal-intimata;

Semghet it-trattazzjoni tal-kaz.

Rat l-art 167 *et sequens* tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tqis li minkejja li giet apprezentata kawza fl-ismijiet inversi, l-intimata xorta trid turi lil din il-Qorti raguni ‘prima facie’ in sostenn tad-difiza taghha.

F’dan il-kaz, minghajr pregudizzju ghall-ezitu ta’ dik il-kawza, quddiem din il-Qorti ma wrietx dawn ir-ragunijiet.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti u ghal fini tat-tieni (2) talba tiddikjara li l-intimata Helen Ciantar m’ghandhiex titolu fuq il-post imsemmi. Fic-cirkostanzi ghal fini tat-tielet (3) talba tordna li tizgombra mill-fond fi zmien perentorju ta’ sitt xhur mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk ta’ Clayton Muscat jigu sopportati minn Helen Ciantar, filwaqt li r-rikorrent ihallas l-ispejjez ta’ Clayton Ciantar.

**Il-kawza giet deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta’ Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta’ Lulju 2019**